MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 58/2012

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li b'digriet tal-11 ta' Gunju 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi ta' C B**

**Il-Qorti**
**PREAMBOLU**
Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi preliminarjament l-esponenti tiddikjara illi sa fejn taf hi l-intimat m' ghadux jghix Malta, u ghalhekk kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat qieghed jigi prezentat rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati.

2. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg.

3. Illi sussegwentement huma sseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Joseph Debono nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-

sena elfejn (2000), liema kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Patricia Hall datat tletin (30) ta' Marzu elfejn u ghaxra (2010).

4. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal u cioe Josef, Sabrin, Btisam u Aziz ilkoll ahwa B, li sallum il-gurnata ghadhom kollha minuri.

5. Illi l-intimat abbanduna lill-familja tieghu ghal kwazi sentejn u lanqas biss ihallas manteniment ghall-uliedu minuri, peress illi l-esponenti ma tafx fejn jghix u ghalhekk lanqas tista' tiehu passi ghat-tutela tad-drittijiet taghha.

6. Illi l-kunsens tal-esponenti nkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewga

7. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

8. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat peress li nkiseb fl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu; jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

9. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai terminu tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg kkuntratt bejn il-kontendenti huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvediment l-ohra li jkun xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Joumah B li taqra' kif gej:-

"Illi l-kuraturi ma ghandhom l-ebda informazzjoni dwar l-intimat u mhumiex f'posizzjoni li jaghmlu kuntatt mieghu. Ghalhekk m'humiex edotti dwar il-fatti tal-kaz u ghaldaqstant ma jistghux jissottomettu risposta dwar il-mertu tal-kawza;

Illi fil-kaz li r-rikorrenti jaghmlu kuntratt ma' l-intimat, huma jinfumaw minnufih din l-Onorabbli Qorti u jitlobu l-awtorizazzjoni taghha sabiex jissottomettu eccezzjonijiet fil-kaz li l-istess intimat ikun irid jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenta.".

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat l-elenku tad-dokumenti ezebiti;

Rat id-digriet datat 11 ta' Gunju 2012 fejn innominat lill-Avukat Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti C B;

Rat in-nota tal-attrici fejn iddikjarat illi m'hemmx kawza bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku;

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Mill-provi mressqa jirrizulta li meta l-attrici kellha 19 il-sena, f'Ottubru 1995, bdiet relazzjoni mal-konvenut u sena wara (Frar 1996) izzewgu. Ghall-attrici, l-hajja matrimonjali ma kinitx wahda felici peress li nqatghet mill-familja u kienet tkun ta' spiss wahedha id-dar. Disa' xhur wara twieled l-ewwel wild u f''Gunju 1998 twieldet it-tieni tarbija. Il-hajja turbulanti inkluz vjolenza domestika kissret iz-zwieg u f'Marzu 2000 il-partijiet isseparaw bonarjament. Wara is-separazzjoni twieldu zewgt ulied ohra, wahda fi Frar 2001 u l-iehor f'Dicembru 2002. Fl-2011 il-konvenut telaq minn Malta u ma deherx aktar.

*Verzjoni attrici*

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1] u viva voce. Tghid kif meta bdew ir-relazzjoni *'kien jurini li jhobbni u li ma jghix minghajri. Jien kont nemmen dak kollu li kien jghidli u huwa kien jgib ruhu bhala l-ahjar bniedem tad-dinja u jweghdni li kien ser ikolli futur sabih.'* Wara li izzewgu, sena wara, qallilha li kien Sirjan minghajr permess li jghix Malta u kien gie Malta illegalment u mhux kif kien qallilha qabel li kien Gharbi, gej mill-Libja u li kellu l-permessi biex jghix Malta.

'*Tista' tghid illi malli zzewwigna huwa beda jinbidel u dak li kien qalli qabel beda jisparixxi naqra naqra.'* Tispjega kif kienet tkun dejjem wahedha ghax kien ikun xoghol jew fis-sakra - '*Ghalih it-tfal ma kienu jfissru xejn hlief li jista' jakkwista xi haga minnhom, specjalment il-bniet ghaliex kien mohhu biex ibieghhom.'* Kien vjolenti u aggressiv maghha u ma' uliedha, pero dejjem zammet halqa maghluq ghax kien jheddidha bil-familja taghha u kellha biza kbir minnu. Kien imur ma' nisa ohra u meta kellha tmien xhur tqala bit-tieni tarbija '*kont tlajt id-dar malajr u sibtu ma' mara ohra, imbaghad kien harrabha mill-gardina.'* Kien possessiv u tghid '*Jiena kont trattata bhala skjava u kemm-il darba kelli nsajjar u niehu hsieb lil hutu u*

[1] Fol. 35

*n-nisa pogguti li kienu jigu fid-dar taghna...........ridt nitlob il-permess tieghu anke biex sempliciment immur nixtri l-ikel ta' kuljum.'*

Erba' snin wara, il-hajja matrimonjali saret impossibli u f'Marzu 2000 isseparaw bonarjament u infurmat lill-familja taghha bil-hajja li kienet ghaddiet minnha.  Wara is-separazzjoni xorta baqa' jabbuza minnha u kellha zewgt it-tfal ohra.

Viva voce l-attrici tispejga l-hajja konjugali '*qlajt xeba swat, certu abbuzi, batejt hafna ......manteniment qatt ma rajt.'*  Tghid li l-konvenut izzewweg '*Biex jaghmel sold , jaghmel dak li kellu f'mohhu u jdabbar rasu.  Ma setghax jaghmel il-flus minghajr ma jkollu mara ghax qabel hawn is-Sirjani jew l-Gharab ma kienux jistghu jghixu go Malta.'*  Dwar ir-raba' wild tispjega: *'Ir-raba' wiehed gie fis-sakra mejjet, tani xeba sew, sa spiccajt anke l-isptar bil-kullar ma' ghonqi.'*  Tghid kif qarraq biha: *l-ewwel wahda li qalli li hu Libjan.  It-tieni wahda li qalli nizzewgek, nizzewgu bil-Knisja, ikollna t-tfal, ikollna dar, ikollna kollox, ha nghinek sal-ahhar nifs sal-mewt u minn dan kollox ma taghni xejn.'*

**Mary Grace, oht l-attrici,** permezz ta' affidavit[2] tixhed kemm ohta kienet ghamja fuq il-konvenut u li hu kien  jghidilha *'jekk ma nehodhiex jien ma kien ser jehodha hadd'.*  Tghid ukoll li kien imur wara il-bieb t'ommha imma din ma kinitx tridu.  Tispjega kif sar sinjur u kien anke jimpjega in-nies mieghu.  Dwar il-vjolenza tghid li ohtha 'kienet titla' mbengla d-dar u kienet tghidlha li weqghet  '*u jien kont nghidlha biex tghidli l-verita ghaliex ma kienx jista' jkun li kellha dak it-tbengil kollu.'*  Tikkonferma l-aggressivita' tal-konvenut - *'huwa kien bniedem li jasal u ma kien jiddejjaq minn hadd u minn xejn.  Mhux l-ewwel darba li kont inkun ghandha u kien jaghitha xeba ta' vera, jghajjarha baqra, jinsulentha b'ommi ghaliex jaf li kienet marida u kien hemm darbtejn li rajtu jaghmel sikkina ma' ghonqha..........Ma kinitx l-ewwel darba li filli kienu qed jieklu u filli qed itajjar il-platti.'*  Tikkonferma li l-konvenut kien izomm l-attrici u l-uliedha nieqsa u qatt ma hallas manteniment wara li sseparaw. Fil-fehma taghha '*Dan iz-zwieg qatt ma ezista ghaliex A kienet imqarqa ghal kollox.'*

Missier l-attrici, **Francis Abela**, jaghti l-testimonjanza tieghi b'affidavit[3]. Jikkonferma ix-xehha, l-vjolenza u l-imgieba hazina tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u uliedha.  *'Jien kemm-il darba kont ninduna li Joumah kien qed isawwat lit-tifla izda dan meta kien jintebah bil-prezenza tieghi kien jieqaf.  Sikwit kont ninnota li t-tifla kellha diversi griehi u tbengil..........jien rajt illi t-tifla kienet mbengla bid-demm hiereg minn halqa'.*

**Rapprezentant tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates** viva voce xehed li wara li l-konvenut izzewweg applika sabiex jigi registrat bhala cittadin ta' Malta u ilu cittadin Malti min 6 ta' Ottubru 1997.  Permezz ta' dokument ezebit hemm indikat li l-konvenut kien twieled is-Sirja fi Frar 1967 u kien cittadin Sirjan.

---

[2] Fol. 42

[3] Fol. 53

**L-Azzjoni Attrici.**
Permezz tal-kawza minnha ntavolata l-attrici qeda titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex skont l-attrici l-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (c); il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) u ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

**Konsiderazjonijiet tal-Qorti.**
Il-Gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għallannullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.'*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard"** deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: *"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-*

*eccezzjoni…………Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".*

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament". (Qorti tal-Apell - **"Carmel Farruiga vs Pauline Farrugia" - 28 ta' Lulju 1987)***

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:
***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***- omissis –***

***(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

***- omissis –***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

***(h)* jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.**

Billi din il-kawza giet imsejsa inter alia fuq is-sub-inciz (f) u is-sub-inciz (d) ghandu jinghad, illi, kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (d) tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flinkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **“Kenneth Cefai vs Louise Cefai” (Appell – 11 ta’ Novembru 2011):-** *“Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi.*

Fil-kawza **Baldacchino v. Duan, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Dicembru 2010**, kien intqal hekk fir-rigward: - *“It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage.”*

Fuq l-istess linja ta’ hsieb hi s-sentenza **Zammit v. Zammit, Prim' Awla deciza fis-27 ta' Jannar 2006:-** *“Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **Arqueros v. Arqueros Moreno, deciza fit-30 ta' Lulju, 2010**, gie dikjarat illi:- *“L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x’inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b’att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b’att pozittiv u b’impenn tal-volonta', eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x’inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta’ zwieg! Din il-Qorti tista’ tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta’ dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta’ wahda jew l-ohra mill-kawzali.”*

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-sub inciz (f) jinghad is-segwenti:

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fit-28 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwawqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe saret simulazzjoni parzjali.*

F'**Aquilina vs Aquilina** moghtija fit-30 ta' Jannar 1991 il-Prim' Awla elenkat fost l-elementi essenzjali ghall-kunsens validu ta' zwieg li min jaghti l-kunsens jkun kommess ghal "*kommunjoni tal-hajja konjugali" u "ghad-dritt ghall-fedelta".* Il-Komunjoni tal-hajja konjugali u l-"*consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** moghtija mill-Prim' Awla fl-14 ta' Lulju 1994 intqal is-segwenti: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responabilita' tal-familja."*

Il-Qrati taghna dejjem irritenew li *'Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna li l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel jew wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.'* - **Nicolai Balzan vs Simone Cremona (Prim' Awla – 9 ta' Marzu 2000**).

Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** deciza wkoll mill-Prima' Awla fil-5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg sabiex jghix hajja konjugali pacifika ma' martu / ragel biss u izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezemju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti jew sabiex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il-fuq, kif ukoll mill-provi li gew migbura fil-mori ta' din il-kawza, fil-fehma tal-Qorti l-attrici irnexxiela tressaq provi konvincenti illi fil-mument li

l-partijiet izzewgu l-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni illi jerfa' r-responsabbiltajiet li jgib maghhom iz-zwieg. Kien gia iddecieda illi fiz-zwieg li l-partijiet kienu ser jidhlu fih huwa kien ser jitratta lill-konvenuta bhala persuna inferjuri ghalih bi drittijiet ferm anqas minn tieghu. Dan naturalment ma hux iz-zwieg kontemplat fil-kotba staturji taghna. Id-diversi xhieda mressqa ikkorroboraw it-testimonjanza taghha li l-agir vjolenti, negattiv u abbuziv da parti tal-konvenut beda mill-bidunett tal-hajja matrimonjali u dan apparti l-adulterju. Irrizulta li l-konvenut qatt ma ghex il-hajja matrimonjali f'komunjoni ma' martu l-attrici, la fuq livell emozzjonali u lanqas fuq livell materjali. L-imhabba konjugali u r-responabilita' tal-familja kienu inezistenti da parti tal-konvenut mill-ewwel jiem taz-zwieg. Il-Qorti taqbel mad-deskrizzjoni li tat l-istess attrici fit-testimonjanza taghha bhala li spiccat skjava taht il-konvenut u dan peress li gie sodisfacentement ippruvat li biz-zwieg li l-partijiet dahlu ghalih l-attrici mhux mart il-konvenut spiccat izda oggett ta' abbuzi fizici u emozzjonali da parti tal-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti fil-mument li l-partijiet kienu qed jersqu ghac-cerimonja taz-zwieg il-konvenut kien qed jeskludi pozittivament ***z-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u*** ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijeit huwa null *ai termini* tas-sub-inciz (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, prevja li tiddisponi mir-risposta guramentat tal-kuraturi deputati ghall-assenti konvenut, taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili kkontrattat bejn l-attrici A B u l-konvenut Joumah B fis-16 ta' Frar 1996 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti b'dan l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------